# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 307/2019 RM**

**Dr Larry Gauci bhala mandatarju specjali tal-entita estera Seafarers Union of Russia, entita rregistratata taht il-Ligijiet Russi bin-Numru (OGRN) 1037700052026**

**vs**

**Armada Voyager Four Co Ltd (C 48219)**

**Illum, 3 ta' Marzu 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-30 ta' Dicembru 2019 fejn talab lil din il-Qorti tikkudanna lil konvenuti jhallsu lilhu s-somma ta' USD 8941.50 (tmient elef, disgha mija u wiehed u erbghin euro u hamsin centezmu) Dollaru Amerikan ekwivalenti ghal €7980.66 (sebat elef disgha mija u tmenin euro u sitta u sittin centezmu) rapprezentanti l-import ta' tlett fatturi kopji hawn annessi u mmarkati DOK LG1, LG2 u LG3 u li sallum mhux saldati mahruga ai termini ta' kuntratt (Special Agreement) datat 9 ta' Jannar 2018 Dok LG4 fir-rigward ta' Union Activities (SUR) u "Union Fees" fir-rigward ta' bahrin impjegati abbord il-bastiment MV Gobustan li jtajjar il-bandiera Maltija kif ukoll s-somma ta' €3500.00 (tlett elef u hames mitt ewro) rapprezentanti spejjez legali ta' proceduri gudizzjali fl-Italja in konnessjoni

mal-arrest tal-bastiment hawn fuq imsemmi Dok LG5. Is-somma globali dovuta tammonta ghall-€11,480.66 (hdax-il elf erbgha mija u tmenin euro u sitta u sittin centezmu) oltre imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv flimkien ma' l-ispejjez u li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta` konvenuta giet notifikata bir-Rikors promotur u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, fis-27 ta' Jannar 2020[1];

Rat illi sosjceta` konvenuta baqghet ma deheritx quddiem il-Qorti biex tikkontesta l-kawza u lanqas ma pprezentat ebda risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attrici;

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Frar 2020 l-attur nomine Dr. Larry Gauci, bhala difensur kif ukoll mandatarju specjali tal-entita` estera Seafarers Union of Russia, ipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta.

Rat ukoll illi fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2020, is-socjeta` konvenuta wara li giet msejjah diversi drabi, naqset milli tidher permezz ta' rapprezentant taghha biex twiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni taghha;
Semghet ix-xhieda tal-attur nomine waqt l-istess udjenza tas-26 ta' Frar 2020 fejn ikkonferma bil-gurament illi s-somma mitluba f'din il-kawza hija dovuta lill-principal tieghu ossia l-entita` estera Seafarers Union of Russia;

Semghet lill-istess attur nomine jiddikjara fl-istess udjenza illi ma ghandux iktar provi xi tressaq u jitlob illi l-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

[1] Vide referta a fol. 13 *tergo*.

Rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Illi t-talba tal-attur nomine f'din il-kawza hija ghall-hlas ta' somma komplessiva ta' €11,480.66 allegatament dovuta mis-socjeta` konvenuta bhala s-sid registrat tal-bastiment bl-isem "MV Gobustan", liema bastiment itajjar il-bandiera Maltija. Skont kif jirrizulta mir-Rikors promotur u d-dokumenti annessi mieghu, din is-somma tirrapprezenta:-

- kwantu ghall-hlas tas-somma ta' €7,890.66 (ekwivalenti ghal USD$8,941.50) mizati u donazzjonijiet dovuti skont ftehim imsejjah "Special Agreement"[2] konkluz fid-19 ta' Jannar 2018 bejn, *inter alia*, l-entita` estera Seafarers Union of Russia u l-agent tas-sid tal-bastiment in kwistjoni[3]; u
- kwantu ghas-somma ta' €3,500, spejjez legali li huma dovuti mill-principal tal-attur nomine ghal assistenza lilha moghtija mis-socjeta` estera VB Pandi (UK) Limited[4] in konnessjoni mal-arrest tal-imsemmi bastiment "MV Gobustan" gewwa l-Port ta' Ravenna, l-Italja fl-4 ta' Novembru 2019[5].

Minn ezami tad-dokumenti esebiti, il-Qorti fehmet illi l-entita` estera Seafarers Union of Russia ("l-Unjoni") hekk kif affiljata mal-entita` msejha The International Transport Workers' Federation ("il-Federazzjoni"), ikkonkludiet ftehim kollettiv mas-socjeta` konvenuta bhala sid tal-bastiment MV Gobustan,

---

[2] Dok. LG4.
[3] Palmali Gemicilik VE Agentelik A.S.
[4] DOk. LG5, fol, 8.
[5] Digriet tat-Tribunale Ordinario di Ravenna a fol. 9.

hekk kif rapprezentata mill-agent taghha Palmali Gemicilik VE Acentelik A.S[6]. Permezz ta' din l-iskrittura, is-socjeta` konvenuta intrabtet permezz tal-agent taghha illi thallas lill-Unjoni jew lill-Federazzjoni, il-mizati u donazzjonijiet fl-ammonti specifikati fit-tieni skeda tal-istess skrittura, liema ammonti huma dovuti b'rabta mal-impjieg tal-bahrin abbord il-bastiment in kwistjoni. Skont l-artikolu 1(e) tal-iskrittura in kwistjoni, il-hlas tal-ammonti dovuti kif indikati fit-tieni skeda kellu jsir kull tliet xhur u dan ghall-perijodu bejn 1 ta' Jannar 2018 u 31 ta' Dicembru 2018. Jirrizulta wkoll illi tlieta mill-erba' pagamenti perijodici tal-mizati u donazzjonijiet dovuti mis-sid tal-bastiment ghall-perijodu ta' validita` tal-iskrittura in kwistjoni, baqghu ma thallsux u dan minkejja illi l-Unjoni harget tliet fatturi lill-agent tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' USD$2,890.50 kull wiehed, ossia ghal kull perijodu ta' hlas[7].

Kwantu ghall-ammont ta' €3,500 rapprezentanti spejjez dovuti in konnessjoni ma' assistenza moghtija lill-Unjoni, jirrizulta mill-atti illi din l-assistenza nghatat b'rabta mal-arrest tal-bastiment MV Gobustan di proprjeta` tas-socjeta` konvenuta, liema arrest gie ordnat permezz tad-digriet moghti mit-Tribunale Ordinario di Ravenna fl-4 ta' Novembru 2019. L-ammont reklamat in linea ta' spejjez jirrizulta mill-fattura esebita Dok. LG5 mahruga mill-kumpannija VB Pandi (UK) Limited datata 19 ta' Novembru 2019.

Ikkunsidrat;

Illi skont kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 702 *et seq*. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u skont kif jinsab ukoll pacifikatament ritenut fil-gurisprudenza tal-Qrati taghna[8], in-nuqqas minghajr raguni valida tas-subent li

---

[6] Jirrizulta illi l-kumpannija Palmali Gemicilik VE Acentelik A.S. iffirmat l-iskrittura bhala debitament awtorizzata mis-sid tal-bastiment li, skont kif jirrizulta mill-istess skrittura, huwa s-socjeta` konvenuta Armada Voyager Four Co. Limited) – vide fol. 7.
[7] Dok. LG1, LG2 u LG3 a fol. 3 *et seq*.
[8] Ara **Leonard Incorvaja vs Manwel Camilleri et** – deciza mil-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-4 ta' Gunju 2018.

jidher u jwiegeb ghall-kapitoli tas-subizzjoni - li del resto huma intizi biex jaghmlu prova tad-domanda attrici - jitqies bhala prezunta konfessjoni. Madanakollu, billi s-subizzjoni hija biss wahda mill-mezzi ta' prova ta' fatt li tista' tingieb in sostenn tat-talba attrici, huwa wkoll risaput[9] li din il-prova wahedha mhux necessarjament bizzejjed biex tissodisfa l-piz tal-prova inkombenti fuq l-attur ghas-success tal-pretensjoni tieghu. Jinghad ukoll illi l-gudikant m'huwiex marbut f'kull kaz bil-konfessjoni li tista' tirrizulta min-nuqqas li jitwiegbu l-kapitoli tas-subizzjoni, jekk din tikkuntrasta ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti processwali, u dan in omagg ghall-principju *actor non probante reus absolvitur*.

Kif inqtal in propositu mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **James Trapani et v. Vincent Cilia[10]**, bin-nuqqas tal-konvenut li jwiegeb ghall-kapitoli, dawn "*… … … jitqiesu konfessati pero` dan ma jfissirx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq dik il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga` prodotta quddiem il-Qorti."*

Ikkunsidrat;

Illi kif rajna fil-kaz odjern, oltre ghas-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta, l-attur nomine ressaq fl-atti diversi dokumenti in konnessjoni mat-talba ghall-hlas li saret fir-Rikors promotur, liema dokumenti fil-fehma tal-Qorti jservu sabiex jaghtu sostenn lill-pretensjoni tal-istess attur nomine. B'zieda ma' dan, l-attur nomine nnifsu xehed quddiem il-Qorti u kkonferma bil-gurament illi l-ammont mitlub fir-Rikors promotur huwa dovut mis-socjeta` konvenuta.

---

[9] Ara in propositu **Tabib Dr Antonio Zammit et vs Francesco Pace et** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Gunju 1952.
[10] Cit. 2357/1996, deciza 28 ta' April 2000.

Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` illi tqis illi f'dan il-kaz, in-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li twiegeb ghall-kapitolu ghas-subizzjoni taghha, ipprovoka il-konfessjoni taghha. Konsegwentement, b'applikazzjoni tal-Artikolu 702(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tqis li l-kapitolu gie debitament mistqarr u accettat mill-istess socjeta` konvenuta. Billi din il-konfessjoni ma hijiex kontradetta minn xi provi ohrajn, anzi hija sorretta mill-provi akkwiziti fl-atti, il-Qorti ssib illi t-talba tal-attur nomine ghall-hlas tas-somma mitluba, giet debitament ippruvata anke bis-subizzjoni tas-socjeta` konvenuta, u konsegwentement, timmerita li tigi akkolta.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur nomine Dr. Larry Gauci bhala mandatarju specjali tal-entita` estera Seafarers Union of Russia, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta Armada Voyager Four Co. Limited sabiex thallas lill-istess attur nomine is-somma ta' hdax-il elf, erba' mija u tmenin Euro u sitta u sittin centezmu (€11,480.66) rapprezentanti l-hlasijiet dovuti skont kif imfissrin fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-istess Rikors promotur, cioe` 30 ta' Dicembru 2019, u bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` konvenuta.**

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**